**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġuże' Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**Laqgħa Numru 43/15(17_02_15).**

Minuti tal-laqgħa b'urġenza ta' nhar it-Tlieta, 17 ta' Frar 2015, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

L-għan ta' din il-laqgħa b'urġenza huwa sabiex jiġu diskussi l-Approvazzjoni ta' Tenders MXR/005/2014, MXR/006/2014 u MXR/009/2014 u l-Approvazzjoni tal-*Financial Statements* 2014.

Il-Kunsill iltaqa' fil-5.00 ta' filgħaxija.

Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Kunsillier.
Is-Sur Robert Mallia - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużat kien hemm is-Sur Ryan Debrincat - Viċi-Sindku.

Assenti kien hemm is-Sur Paul Parnis - Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ.

**1.00 Approvazzjoni ta' *Tenders* MXR/005/2014, MXR/006/2014 u MXR/009/2014.**

1.01 Il-Kunsill beda jiddiskuti Offerta numru MXR/005/2014 - *Supply, Installation and Commissioning of a Ticketing System for an underground flour mill located at Ix-Xlendi, Gozo*. Il-kaxxa tal-offerti ngħalqet u nfetħet fil-31 ta' Ottubru 2014 u nstabu tliet offerti:

1. Alberta Fire & Security Equipment Ltd.
2. Harbour Solutions
3. Vianet Limited

Il-Bord tal-Evalwazzjoni rrakkomanda lill-Kunsill li din l-offerta tingħata lil Vianet Limited minħabba li hija l-orħos offerta u teknikament taqbel mal-ispeċifikazzjonijiet.

Il-Kunsill qabel unanimament mar-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni li l-offerta tingħata lil Vianet Limited peress li kienet l-orħos offerta u teknikament taqbel mal-ispeċifikazzjonijiet.

1.02 Il-Kunsill beda jiddiskuti Offerta numru MXR/006/2014 - *Works Tender for the upgrading and rehabilitation of a path at Ix-Xlendi Bay*. Il-kaxxa tal-offerti ngħalqet u nfetħet fil-31 ta' Ottubru 2014 u nstabet offerta waħda:

1. Joseph Mercieca

Il-Bord tal-Evalwazzjoni rrakkomanda lill-Kunsill li din l-offerta ma tingħatax minħabba li ma ntlaħqux l-ispeċifikazzjonijiet mitluba.

Il-Kunsill qabel unanimament mar-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni li din l-offerta ma tingħatax.

1.03 Il-Kunsill beda jiddiskuti Offerta numru MXR/009/2014 - *Supply of Planters and Benches at Ix-Xlendi*. Il-kaxxa tal-offerti ngħalqet u nfetħet fil-31 ta' Ottubru 2014 u nstabet offerta waħda:

1. Rapa Showroom Co. Ltd.

Il-Bord tal-Evalwazzjoni rrakkomanda lill-Kunsill li din l-offerta ma tingħatax minħabba li ma ntlaħqux l-ispeċifikazzjonijiet mitluba.

Il-Kunsill qabel unanimament mar-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni li din l-offerta ma tingħatax.

**2.00 Approvazzjoni tal-*Financial Statements* 2014.**

2.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*Financial Statements* għas-sena 2014. Dawn il-*Financial Statements* ġew ivverifikati mill-Awdituri Spiteri Bailey & Co. Għal din is-sena finanzjarja li tagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2014, il-Kunsill kien baqagħlu bilanċ ta' €7,041. Dawn il-*Financial Statements* ġew approvati mill-Kunsill.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***